# FTEHIM KOLLETTIV

Għall-ħaddiema klerikali
fil-Kunsilli Lokali u Reġjonali

2024-2028

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

uhm
VOICE OF THE WORKERS

## 01 PREAMBOLU U PREMESSA

**L-Assoċjazzjoni u l-Union jaqblu li għandu jkun hemm relazzjonijiet stabbli u tajbin bejniethom sabiex b'hekk isseħħ dik il-paċi industrijali li hi meħtieġa għat-tmexxija effiċjenti u l-prosperità fl-interess komuni ta' min iħaddem (il-Kunsilli Lokali) u l-Ħaddiema Klerikali.**

**Iż-żewġ partijiet jirrikonoxxu li, skont id-dispożizzjonijiet l-Att dwar Gvern Lokali (Kap 363) qed jiġi ffirmat dan il-ftehim.**

**Iż-żewġ partijiet għalhekk volontarjament waslu għal dan il-Ftehim li bih qed jistabbilixxu l-mod kif jirregolaw ir-relazzjonijiet ta' bejniethom fl-interess taż-żewġ naħat.**

**Dan il-Ftehim hu applikabbli għall-Ħaddiema Klerikali, kif murija f'Appendiċi A, kollha tal-Kunsilli Lokali. Għar-rigward ta' benefiċċji (pagamenti, vacation leave, sick leave, ecc.) ir-rati msemmija huma dawk li japplikaw għall-Ħaddiema Klerikali full time.**



### Il-Ftehim bejn il-partijiet hu dan li ġej:

## 02 GĦARFIEN

Ir-Rikonoxximent tal-Unjoni għandu jiġi regolat mid-dispożizzjonijiet attwalment stipulati fl-Avviż Legali 413 tal-2016 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet u kwalunkwe emenda oħra għalih, fis-seħħ minn żmien għal żmien.

## 03 PERJODU TAL-FTEHIM

Sakemm mhux indikat mod ieħor, dan il-Ftehim għandu jibda jseħħ mid-data tal-iffirmar u jdum fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2028. Sena qabel id-data li fiha jiskadi dan il-Ftehim, il-partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-miktub jekk huma jridux jestendu, jibdlu jew jimmodifikaw dan il-Ftehim. F'dan il-każ iż-żewġ partijiet għandhom minnufih jidħlu f'negozjati fuq it-termini u l-kundizzjonijiet ta' Ftehim Kollettiv ġdid. Jekk ebda parti ma tagħti avviż ta' din ix-xorta allura dan il-Ftehim jiġi awtomatikament estiż għal perjodu ieħor ta' sena.







## 04 SIGURTÀ U FAĊILITAJIET

M'għandha tiġi eżerċitata mill-Assoċjazzjoni u/jew mill-Kunsilli Lokali l-ebda xorta ta' diskriminazzjoni, intimidazzjoni jew xi forma ta' vittimizzazzjoni fuq il-Ħaddiema Klerikali għar-raġuni li dawn ikunu mseħbin fil-Union jew għaliex dawn jieħdu sehem f'attivitajiet u/jew azzjonijiet ordnati mill-Union.

L-Assoċjazzjoni u/jew il-Kunsilli Lokali jaqblu li jagħtu lill-Union kull għajnuna possibbli biex din tkun tista' teżerċita sewwa l-funzjonijiet tagħha skond il-liġi. Jaqblu wkoll li jagħtu lill-Ħaddiema Klerikali li jkunu magħrufa li jirrappreżentaw lill-Union il-faċilitajiet meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tal-Union fir-relazzjonijiet tagħha mal-Assoċjazzjoni u mal-Kunsilli Lokali, u dan mingħajr telf ta' paga. Minn naħa tagħha l-Union taqbel li tgħarraf lill-Assoċjazzjoni u lill-Kunsilli Lokali konċernati bl-ismijiet tal-membri tal-Kumitat tal-Grupp (li ma jkunx ta' aktar minn seba' (7) membri) u li żżomm lill-Assoċjazzjoni u/jew lill-Kunsilli Lokali konċernati infurmati b'kull tibdil li jkun hemm f'dan il-Kumitat tal-Grupp.

## 05 DEFINIZZJONIJIET

'Ftehim' tirreferi għall-Ftehim Kollettiv.

'Jiem, ġranet, sigħat ta' xogħol', għall-finijiet ta' avviż ta' azzjoni industrijali, jirreferu għal dawk osservati mill-Aministrazzjoni tal-Kunsill Lokali rispettiv u għal dan il-għan, Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi ma jitqisux bħala ġranet tax-xogħol.

'Konsultazzjoni' tfisser it-twaqqif ta' djalogu u skambju ta' fehmiet bejn il-Union u l-Management, b'mod u b'kontenut li jippermetti lill-Union, abbażi ta' informazzjoni provduta, tesprimi opinjoni fuq il-miżuri ppjanati mill-Management kif titlob il-liġi.

'Uffiċjal tal-Union' għandha tiftiehem li tirreferi għas-Segretarju tat-Taqsima jew Uffiċjal ogħla tal-Union. Sabiex ma jkunx hemm malintiż, għall-finijiet ta' din il-Klawżola, il-frażi "Uffiċjal tal-Union" ma tinkludix shop steward jew membru tal-kumitat.

'Ħaddiem' għandha tifthiem għal kwalunkwe ħaddiem impjegat mal-Kunsill Lokali u li jifforma parti minn dan il-Ftehim Kollettiv.

L-għadd singular jgħodd għall-plural u kull referenza għall-maskil għandha titqies li tgħodd għall-femminil.



## 06 KUNTRATT TA' XOGĦOL

Il-Ħaddiema Klerikali jiġu impjegati permezz ta' kuntratt indefinit li għandu jinkorpora l-kundizzjonijiet maqbula permezz ta' dan il-Ftehim Kollettiv u tal-Avviż Legali relattiv. Fejn mhux speċifikat b'mod ieħor fl-Avviż Legali relattiv, id-dispożizzjonijiet li joħorġu mill-Att dwar il-Gvern Lokali u tal-Kuntratt ta' Xogħol għandhom japplikaw.

Għal fini ta' ċarezza u biex jiġi evitat kull dubju, impjegati koperti b'dan il-ftehim, li kellhom kuntratt tax-xogħol fuq bażi definita, ikollhom il-kundizzjonijiet tal-impjieg skont it-termini ta' dan il-ftehim u cioè l-kuntratt tax-xogħol isir wieħed indefinit.

Dan mingħajr preġudizzju kemm għall-obbligu taż-żmien tal-prova (probation period) u wkoll tal-komputazzjoni taż-żmien fl-impjieg u kull meta jkun hemm il-ħtieġa, il-Kunsill Lokali partikolari jkun jista' jimpjega ħaddiema b'kuntratt ta' inqas minn tliet snin sabiex jissostittwixxu ħaddiema li jkunu barra mix-xogħol fuq leave mingħajr ħlas fit-tul.

## 07 REKWIŻITI MINIMI U DMIRIJIET

Il-Ħaddiema Klerikali impjegati mal-Kunsill Lokali għandu jkollhom ir-rekwiżiti minimi li hemm imniżżla fl-avviżi legali relatati minn żmien għal żmien.

Id-dmirijiet tal-impjegati klerikali għandhom ikunu simili għal dawk applikabbli fil-każ ta' tal-gradi koperti f'Appendiċi A.

Ir-rekwiżiti minimi għall-mili ta' dawn il-pożizzjoni ikunu kif indikat f'Appendiċi A. Ir-rekwiżiti, flimkien mal-esperjenza inkluża, għandhom ikunu f'suġġetti relatati mal-ħidma tax-xogħol tal-Kunsill.



## 08 ŻMIEN TA' PROVA

Kull ħaddiem Klerikali impjegat mal-Kunsilli Lokali ikun suġġett għal żmien ta' prova ta' sitt xhur meta jiffirma l-ewwel kuntratt.

Iżda jekk impjegat jiġi magħżul sabiex jingħata kuntratt mal-istess Kunsill fi skala ogħla, allura jkun suġġett għal żmien ta' prova ta' tliet xhur u jirċievi żewġ notches taħt il-massimu tal-iskala l-ġdida.

Iżda jekk impjegat jiffirma kuntratt ma' Kunsill differenti, dan ma jkunx suġġett għal żmien ta' prova ta' sitt xhur f'każ li dan jibqa' fl-istess skala ta' salarju u jkollu kontinwazzjoni tas-salarju.

Jekk, iżda l-impjegat ikun ser jinħatar fi skala ogħla milli kellu, dan għandu jkun suġġett għal żmien ta' prova ta' sitt xhur u jitqiegħed fuq il-minimu tal-iskala l-ġdida jew fil-notch li jmiss tal-grad ogħla. Is-salarju ġdid għandu jkun aġġustat b'mod li almenu jkun ħa żieda ta' increment tal-grad il-ġdid. Dan m'għandux ikun inqas mit-tielet notch tal-iskala l-ġdida.

## 09 TERMINAZZJONI TAL-KUNTRATT TA' XOGĦOL

Riżenja mill-Kunsill jew terminazzjoni hija skont l-Att dwar l-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali skont iż-żmien kollu li wieħed ikun għamel fl-impjieg mal-Kunsill/i.

Meta impjegat ikun se jieħu pożizzjoni ġewwa kunsill lokali ieħor ikun hemm perjodu ta' hand over ta' 8 ġimgħat sakemm ma jkunx hemm ftehim ieħor bejn il-Kunsilli Lokali konċernati.

## 10 PAGI

Ir-rati tal-pagi bażiċi fis-sena skont Appendiċi "A" li hu mehmuż u li jifforma parti minn dan il-Ftehim.

Iż-żidiet kontemplati f'dan il-Ftehim u kif murija f'Appendiċi 'A' jinkludu ż-żidiet għall-għoli tal-ħajja (COLA) li l-Gvern jista' jiddikjara minn żmien għall-ieħor.

F'dan il-Ftehim, is-salarji tal-Ħaddiema Klerikali huma relatati ma' Skali ta' Salarji fis-Servizz Pubbliku. Għaldaqstant kull żieda fis-salarji li tista' tiġi miftehma bejn il-Unions u l-Gvern għall-ħaddiema tiegħu, għandha tiġi awtomatikament riflessa fis-salarji tal-Ħaddiema Klerikali tal-Kunsilli Lokali.

## 11 'PERFORMANCE BONUS'

Il-Ħaddiema Klerikali jkunu intitolati għal "performance bonus" sa massimu ta' 10% (għaxra fil-mija) tas-salarju:-

10% - Jekk fil-fehma tal-Kunsill Lokali l-Ħaddiem Klerikali mhux biss ikun wettaq xogħlu b'mod sodisfaċenti għalkollox iżda li b'mod sinifikanti u tanġibbli jkun eċċeda l-livell ta' kompetenza, u fejn il-performance tiegħu kienet tali li tmur oltre dak li normalment hu rikjest mill-kariga.

Il-livelli bejn 3% u 10% għandhom jiġu mkejla permezz ta' Kwestjonarju li jkun hu maħsub biex jgħin lill-Kunsill jevalwa l-livell ta' performance tal-Ħaddiema Klerikali.

L-assesjar fuq il-performance bonus għandu jsir kull sitt xhur, jiġifieri darbtejn fis-sena.




## 12 GĦOTI TA' INCREMENTS

Kull impjegat li ma jkunx ingaġġat fil-massimu tal-iskala, ikun intitolat għal increments fl-iskala ta' salarju rispettiva tiegħu kull sena, u dan sakemm jintlaħaq il-massimu tal-iskala tiegħu. L-increments għandhom jingħataw bl-istess sistema li tiġi addottata fl-Amministrazzjoni Pubblika, u dan bl-approvazzjoni tal-Kunsill wara li tiġi evalwata l-ħidma tal-impjegat. Increment jista' jinżamm f'każ ta' dixxiplina serja jew għal xi raġuni ġustifikata.

L-impjegat jibqa' jkun intitolat għal dawk l-increments li jkun fadal sakemm jilħaq il-massimu tal-iskala ta' dak il-grad.





## 13 MILI TA' POSTIJIET U PROMOZZJONIJIET KOPERTI B'DAN IL-FTEHIM

Postijiet vakanti u/jew postijiet ġodda għandhom jimtlew permezz ta' sejħiet għall-applikazzjonijiet interni maħruġa mill-istess Kunsill Lokali. Il-proċess tal-applikazzjonijiet interni fl-istess Kunsill Lokali għandhom ikunu konklużi fi żmien xahar minn mindu tkun ħarġet is-sejħa tal-applikazzjoni. Dan il-perjodu huwa mingħajr preġudizzju għal estensjoni salv li jkun hemm raġunijiet validi. Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill li qed joħroġ is-sejħa tal-applikazzjoni għandu jiżgura li s-sejħiet jiġu ċirkulati mal-impjegati kollha tal-Kunsill rispettiv.

Fiċ-ċirkustanza li:

a) fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn mindu tkun ħarġet is-sejħa tal-applikazzjoni ma jkunx hemm applikazzjonijiet mill-istess Kunsill

u/jew

b) il-vakanza ma timteliex għal kwalunkwe raġuni

l-istess sejħa għandha tinħareġ mal-Kunsilli Lokali kollha. Il-proċess tal-applikazzjonijiet interni minn fost l-Kunsilli Lokali b'mod ġenerali għandhom ikunu konklużi fi żmien xahar minn meta jiskatta dan it-tieni proċess. Dan il-perjodu huwa mingħajr preġudizzjoni għal estensjoni salv li jkun hemm raġunijiet validi bl-approvazzjoni mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. F'dan l-istadju is-Segretarju Eżekuttiv ta' kull Kunsill Lokali rispettiv għandu jara s-sejħiet jiġu ċirkulati mal-impjegati kollha b'mod immedjat.

F'dan il-proċess ta' sejħiet interni l-applikanti jistgħu japplikaw darba biss għall-istess applikazzjoni.

F'każ li jibqgħu vakanzi li għad iridu jimtlew, il-Kunsill Lokali jirriżerva d-dritt li joħroġ sejħa ta' applikazzjoni miftuħa għall-pubbliku inġenerali.

Meta impjegat tal-Kunsill jintgħażel għal grad ogħla, is-salarju ġdid tiegħu għandu jkun aġġustat b'mod li almenu jkun ħa żieda ta' increment tal-grad il-ġdid. Isir l-istepping up fis-salarju fejn meħtieġ.

Il-partijiet jaqblu li, fil-gradi koperti b'dan il-Ftehim Kollettiv, li s-snin ta' servizz sodisfaċenti li l-impjegati jagħmlu jiġu rikonoxxuti għall-fini tal-komputazzjoni tas-salarju u progression meta impjegat jimxi minn Kunsill Lokali għall-ieħor, wara li tinħareġ sejħa ta' applikazzjoni.

Ir-riżultat tal-proċess tal-għażla għandu jkun validu għal perjodu ta' sitt xhur mid-data tar-rapport tal-avviż tal-għażla.

## 14 TAĦRIĠ

Il-Ħaddiema Klerikali għandhom jiġu provduti t-taħriġ u l-faċilità biex jattendu taħriġ fuq materji li huma relatati mal-funzjoni tal-Kunsill.

F'każijiet ta' korsijiet Universitarji akkreditati li huma relatati max-xogħol li huma jagħmlu, għandu jingħata sa sitt (6) ijiem fis-sena, li jinkludu wkoll il-ġurnata tal-eżami u riċerka, bħala 'study leave' speċjali lill-impjegat.

## 15 SIGĦAT TA' XOGĦOL

**a) Impjegati Klerikali tal-Kunsilli Lokali**

L-impjegati Klerikali tal-Kunsilli Lokali jaħdmu medja ta' erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa mifruxa bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa. Il-ħinijiet tax-xogħol ta' dawn l-impjegati għandhom jiġu determinati mis-Segretarju Eżekuttiv wara li jkun ikkonsulta mal-Kunsill. Madankollu l-ħinijiet tax-xogħol għandhom ikunu skont dawn il-parametri.

Il-Management, flimkien mal-impjegati, jistgħu jaslu għall-ftehim li l-erbgħin siegħa ta' xogħol fil-ġimgħa jiġu mifruxa bejn it-Tnejn u s-Sibt dejjem skont il-parametri legali. Dan l-arranġament jista' jsir biss fuq bażi volontarja.

Ix-xhur kollha (minbarra Awwissu): mhux qabel is-7.00 a.m. u/jew wara l-5.30 p.m.

Fix-xahar ta' Awwissu, l-impjegati klerikali għandhom jaħdmu medja ta' sitt sigħat xogħol kuljum. Wara sitt (6) sigħat ta' xogħol, irid ikun hemm break ta' 15-il minuta, (anki jekk il-ħaddiema qegħdin bin-nofstanhari), u dan biex ikun hemm konformità mad-Direttiva Ewropea dwar il-ħinijiet tax-xogħol. Is-sagħtejn (2) ta' xogħol li jaħdmu inqas f'dan ix-xahar ikunu jridu jpattu għalihom matul ix-xhur l-oħra tas-sena.

**b) Impjegati Klerikali fit-Tribunali**

Fid-data li ġie ffirmat dan il-ftehim il-partijiet huma konxji minn tibdil potenzjali fl-istruttura kif ukoll fit-tħaddim tat-Tribunal. Konxji minn dan il-partijiet qed jaqblu li sakemm dan iseħħ il-parametri li jistabbilixxu l-ħinijiet għandhom ikunu kif ġej:

- Impjegati klerikali tat-Tribunali jaħdmu medja ta' erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa mifruxa bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa. Il-ħinijiet tax-xogħol ta' dawn l-impjegati għandhom jiġu determinati mill-Kunsilli Reġjonali wara diskussjoni mal-impjegati konċernati.

- Il-ħinijiet tax-xogħol ta' dawn il-ħaddiema għandhom ikunu mifruxa bejn is-7:00 a.m. u l-5:30 p.m. Impjegati li jkunu mitluba li jagħmlu sigħat żejda lil hinn mill-medja tal-40 siegħa fil-ġimgħa jkunu intitolati għal sahra hekk kif stipulat f'dan il-Ftehim Kollettiv.





## 16 'REDUCED HOURS'

Impjegat, wara li b'suċċess ikun għadda iż-żmien ta' prova, u li jkollu l-ħtieġa li jaħdem ħinijiet imnaqqsa għandu jressaq it-talba tiegħu bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv. Impjegati li jkollhom jieħdu ħsieb uliedhom taħt l-età ta' sittax-il (16) sena jistgħu jressqu talba bil-miktub sabiex jaħdmu sigħat inqas min-normal. Din it-talba għandha titressaq mill-inqas xahrejn qabel ma jkun hemm il-ħtieġa li jsir użu minn din il-konċessjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jressaq talbiet bħal dawn immedjatament għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill bir-rakkomandazzjoni tiegħu jekk it-talba għandhiex tiġi aċċettata jew le. F'kull każ għandu jagħti raġunijiet bil-miktub. Talbiet bħal dawn m'għandhomx ikunu t'inqas minn għoxrin (20) siegħa fil-ġimgħa li jkunu mifruxa fuq ħamest (5) ijiem.

Hi fid-diskrezzjoni assoluta tal-Kunsill abbażi tal-esiġenzi tiegħu jekk japprovax jew le talbiet bħal dawn. Fejn il-Kunsill japprova talbiet bħal dawn, għandu jistabbilixxi t-tul tal-perjodu li minnu l-impjegat ikun jista' jibbenefika minn din il-konċessjoni u dan minbarra kundizzjonijiet oħra li jista' jimponi. Dawn għandhom ikunu koperti bi ftehim bil-miktub bejn il-Kunsill u l-impjegat għal perjodu definit ta' mhux aktar minn sena, li jista' jiġi mġedded. Id-deċiżjoni tal-Kunsill tkun finali.

F'kull żmien il-Kunsill jista' jirtira din il-konċessjoni basta jagħti ġimagħtejn avviż bil-miktub lill-impjegat konċernat.

Impjegat li jkun ġie mogħti lilu l-permess sabiex jaħdem b'ħinijiet imnaqqsa, ma jistax jaqbad u jidħol jaħdem full time minn rajh, iżda għandu jagħmel talba bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv, liema talba għandha tiġi mressqa għall-għarfien tal-Kunsill bir-rakkomandazzjonijiet bil-miktub tiegħu li m'għandux jiċħadha mingħajr raġuni valida. Id-deċiżjoni tal-Kunsill tkun finali u għandha tiġi kkomunikata lill-impjegat immedjatament.

Is-salarji u l-benefiċċji l-oħra, (ħlief għall-qualification allowance) inkluż kull tip ta' leave, għandhom jingħataw pro-rata.



## 17 SAHRA

L-impjegati m'għandhomx jirrifjutaw sahra meta fl-opinjoni tal-Kunsill Lokali din is-sahra tkun meħtieġa, jekk mhux għal raġuni valida u ġusta, basta dawn, għajr f'każi ta' emerġenza, ikunu ngħataw pre-avviż xieraq, normalment ta' mhux inqas minn erba' u għoxrin (24) siegħa. F'każi ta' emerġenza, fejn jingħata pre-avviż ta' inqas minn sagħtejn (2) , l-impjegat għandu jitħallas bir-rata ta' sagħtejn (2) għal kull siegħa (1).

L-impjegati għandhom jitħallsu bir-rata ta' sahra għal kull ħin li jaħdmu aktar minn dak normali tagħhom, kif ġej:

i. Mit-Tnejn sas-Sibt: bir-rata ta' siegħa u nofs (1.5) għal kull siegħa (1).

ii. Il-Ħdud u l-Festi Pubblici: bir-rata ta' sagħtejn (2) għal kull siegħa (1).

iii. Fejn is-sahra ma ssirx immedjatament wara jew qabel il-ħin normali tax-xogħol, ma tistax titħallas inqas minn erba' (4) sigħat sahra bir-rata applikabbli.

iv. Kull sahra li ssir bejn l-10.00 p.m. u s-6.00 a.m. għandha titħallas bir-rata ta' sagħtejn (2) għal kull siegħa (1).

v. L-impjegat jista' jagħżel li jieħu TOIL bl-istess rata ta' sahra minflok jitħallas tas-sahra li huwa jkun ħadem, bl-approvazzjoni minn qabel tal-Management.





## 18 DRITT TAL-LEAVE

L-impjegati għandhom dritt  għal leave annwali bi ħlas għal numru ta' ġranet kif stabbilit bil-liġi u li bħalissa huma erba' ġimgħat tax-xogħol u erbat ijiem ta' tmien sigħat tax-xogħol matul is-sena kalendarja u li huma ekwivalenti għal 192 siegħa.

L-impjegati kollha huma intitolati għal dawk il-jiem addizzjonali ta' leave biex jikkumpensaw għall-btajjel pubbliċi li jaqgħu fi tmiem il-ġimgħa, hekk kif indikat mill-Gvern minn żmien għal żmien.

Dan il-leave għandu jittieħed skont l-eżiġenzi tax-xogħol u bl-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill.

Is-sena tal-leave hi mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

Hu mistenni li l-impjegati jqassmu l-leave tagħhom mas-sena kollha. Impjegat għandu possibbilment jieħu sebgħin fil-mija (70%) tal-vacation leave tiegħu sal-aħħar ta' Settembru filwaqt li l-bilanċ ta' tletin fil-mija (30%) għandu jittieħed sal-aħħar tas-sena.

L-impjegati jistgħu jieħdu l-vacation leave tagħhom f'minimu ta' mhux inqas minn siegħa, wara approvazzjoni minn qabel mingħand il-Management.

Kull vacation leave għandu jiġi approvat mis-Segretarju Eżekuttiv wara talba mill-impjegat. Bħala regola, vacation leave ta' inqas minn 24 siegħa (tlett ijiem) għandha tintalab tlett ijiem qabel u vacation leave ta' aktar minn 24 siegħa (tlett ijiem) għandha tintalab ġimgħa qabel. Din ir-regola ma tapplikax fil-każ ta' vacation leave li l-impjegati għandhom bżonn minħabba urġenza u tali urġenza hija aċċettabbli għas-Segretarju Eżekuttiv.

**Leave u Leave Pro-Rata**

Il-leave matul l-ewwel sena kalendarja tal-impjegat mal-Kunsilli Lokali hu stabbilit fuq bażi pro-rata skont id-data tal-ħatra.  Bl-istess mod għandu jiġi kkalkulat fis-sena tat-tmiem l-impjieg.  Madankollu l-impjegati ġodda tal-Kunsilli Lokali għandhom jedd għal jum leave fix-xahar matul l-ewwel tliet xhur tal-impjieg u l-bqija tal-leave jittieħed aktar 'il quddiem.

F'każ li mpjegat ikun ħa aktar leave minn dak li jkun intitolat għalih, il-Kunsill Lokali jkollu d-dritt iżomm il-ħlas tal-leave żejjed minn pagamenti dovuti jew titlob lura l-ħlas żejjed li jkun sar.

## 19 EMERGENCY LEAVE

Il-Ħaddiem Klerikali fil-Kunsill għandu dritt ta' sittax-il siegħa (16) leave mill-vacation leave li huwa intitolat għalih jistgħu jittiehdu bis-sigħat f'każijiet ta' emerġenza.  Għanda tiġi ppreżentata evidenza dokumentata.

## 20 AKKUMULAR TA' VACATION LEAVE

Vacation leave mhux meħud minħabba esiġenzi tax-xogħol skont kif determinat mill-Kunsill jista' biss jiġi akkumulat minn sena għall-oħra bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

Akkumular ta' vacation leave minn sena għall-oħra (iżda mhux aktar minn sentejn wara xulxin) mhux permess jekk mhux bl-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali konċernat, li għandu jingħata bil-miktub. Dan hu sa massimu ta' 50% tal-vacation leave annwali. F'ċirkostanzi normali l-impjegat għandu jagħmel użu mil-leave akkumulat sa Marzu tas-sena li fih ġie akkumulat.

L-akkumulazzjoni tal-leave ma tistax issir għal aktar minn sentejn wara xulxin.

Dak l-impjegat li jew ma jużax l-leave akkumulat għal raġuni li għaliha tkun ingħatat approvazzjoni jew ma josservawx il-provvedimenti ta' dan l-Artiklu, jitlef kull jedd għal dak il-leave li għalih ikun ingħata approvazzjoni biex jakkumula.

Il-Kunsill tikkonsidra li tapprova talbiet bħal dawn kemm-il darba x-xogħol ikun jippermetti u dejjem skont il-parametri tal-liġi.



## 21 LEAVE SPEĊJALI BI ĦLAS

Apparti l-vacation leave normali, il-Ħaddiema Klerikali jkunu ntitolati għal dan il-leave speċjali bi ħlas f'dawn il-każijiet li ġejjin:-

(a) MEWT TA' QRABA: Tliet (3) ġranet tax-xogħol leave speċjali fil-każ tal-mewt tal-mara jew ir-raġel, l-omm jew il-missier (inkella tal-persuna li f'dak iż-żmien tkun attwalment qed tagħmilha minflok l-omm jew il-missier tal-impjegat), iben jew bint, u ħu jew oħt l-impjegat. F'każ ta' mewt ta' nanniet, u tal-omm jew il-missier, ħu jew oħt il-mara jew ir-raġel, tingħata ġurnata (1) tax-xogħol leave speċjali. Dan irid jittieħed immedjatament wara l-mewt tal-qarib li jkun.

(b) ŻWIEĠ: Ħames (5) ġranet tax-xogħol f'każ ta' żwieġ tal-impjegat.

(c) TWELID: Għaxart (10) ijiem tax-xogħol leave speċjali fit-twelid ta' tarbija għal ġenitur li ma jkunx welled.

(d) TQALA: Impjegati li welldu jkunu intitulati għal tmintax (18) - il ġimgħa leave bi ħlas skont il-liġi minħabba t-tqala. L-impjegata hija intitoltat għas-salarju bażiku tagħha sħiħ għall-ewwel erbatax (14) – il ġimgħa ta' leave minħabba t-tqala. Jekk l-impjegata tagħżel li tieħu aktar leave minħabba t-tqala wara l-erbatax-il ġimgħa hija tkun intitolata għall-benefiċċji relevanti mis-Sigurtà Soċjali.

Dawk l-impjegati li jkunu intitolati għal dan il-leave għandhom iressqu applikazzjoni bil-miktub tmien (8) ġimgħat qabel ma jkunu se jieqfu mix-xogħol sabiex jibdew dan il-leave bi preparazzjoni għat-twelid: għandu jiġi ppreżentat ċertifikat li jindika d-data ta' meta t-twelid ikun mistenni.

Impjegati li jieħdu dan il-leave jkunu obbligati li jaħdmu għal sitt (6) xhur sħaħ, jew l-ekwivalenti ta' sitt xhur, meta jirritornaw għax-xogħol (dan il-perjodu ma jkunx issodisfat bil-leave jew leave għal mard). F'każ li impjegata tonqos milli taħdem dawn is-sitt (6) xhur tkun trid tirrifondi dak l-ammonti li tkun irċeviet matul il-leave għall-maternità.

(e) Leave SpeĊjali Għal MaternitÀ: Impjegata li wara li tkun ħadet il-leave għall-maternità ma tkunx tista' terġa' lura għax-xogħol minħabba xi raġuni patoloġika kaġun tat-tqala li kellha, tkun tista' tibqa' barra mix-xogħol għal perjodu ieħor ta' ħames ġimgħat. Dawn il-ġimgħat jitnaqqsu mil-leave għal mard li għalih tkun intitolata l-impjegata.

Il-proċedura dwar il-leave għall-mard kif ikkontemplata fil-Fteim Kollettiv għandha tiġi osservata.

Applikazzjonijiet għal dan it-tip ta' leave għandhom jiġu ppreżentati kemm jista' jkun kmieni.

**Żjarat l-isptar għal Nisa Tqal**

Nisa tqal li għandhom bżonn iżuru l-isptar għal check-ups fir-rigward ta' tqala, għandhom jingħataw 'time off' meħtieġ mingħajr telf ta' paga. Evidenza għandha tiġi pprovduta lill-Management.

(f) ADOZZJONI: Impjegati li jkunu se jaddottaw it-tfal ikunu intitolati għal tmintax (18) - il ġimgħa leave bi ħlas minħabba l-adozzjoni. L-impjegati huma intitoltati għas-salarju bażiku sħiħ tagħhom għall-ewwel erbatax (14) – il ġimgħa ta' leave minħabba l-adozzjoni. Jekk l-impjegati jagħżlu li jieħdu aktar leave minħabba l-adozzjoni wara l-erbatax-il ġimgħa huma jkunu intitolati għal benefiċċji relevanti skont ma jieħdu l-impjegati tas-Servizz Pubbliku.

Dawk l-impjegati li jkunu intitolati għal dan il-leave għandhom iressqu applikazzjoni bil-miktub tmien ġimgħat qabel ma jkunu se jieqfu mix-xogħol : għandu jiġi ppreżentat ċertifikat meħtieġ.

(g) KURA WARA KORRIMENT: Mingħajr preġudizzju għal Klawsola 24 hawn taħt, ħaddiem li jkun weġġa' fuq ix-xogħol għandu jingħata l-leave speċjali li jkun jinħtieġ biex imur għall-kura jew biex jidher quddiem il-Bord tas-Sigurtà Nazzjonali dwar il-Korrimenti.

(h) ĠURIJIET: Meta ħaddiem ikun magħżul bħala ġurat, dan għandu jingħata l-leave speċjali kollu li jkun hemm bżonn.

(i) XHIEDA: Impjegat li jkun imħarrek minn Qorti jew xi Tribunal ieħor bħala xhud b'konnessjoni max-xogħol uffiċjali tiegħu mal-Kunsill, għandu jingħata leave speċjali.

(j) ATTIVITAJIET TAL-UNION: Il-Union għandha tinforma lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bl-ismijiet tar-rappreżentanti tal-Union. Dawn ir-rappreżentanti kollha flimkien huma intitolati għal total ta' 40 siegħa leave speċjali bejniethom biex ikunu jistgħu jattendu attivitajiet relatati mal-Union hekk kif ikun meħtieġ. Meta tinqala l-ħtieġa l-uffiċjal tal-union għandha tinforma lill-Assoċjazzjoni biex tirrilaxxa l-persuni involuti. L-Assoċjazzjoni għandha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-Kunsill ikkonċernat.

(k) SPORT U KULTURA: Impjegati magħżula sabiex jirrappreżentaw lil Malta f'attivitajiet kulturali jew sportivi barra minn Malta, huma intitolati għal għaxart'ijiem (10) fis-sena leave kulturali/sportiv. Dan il-leave jittieħed biss wara li t-talba tintbagħat mill-Manager tad-Dipartiment/Head tal-Entità rispettiva nazzjonali bħala notifika, u wara għall-approvazzjoni mill-Kunsill.

## 22 LEAVE SPEĊJALI MINGĦAJR ĦLAS

(a) Impjegat li jkun għadda ż-żmien ta' prova b'suċċess, ikun jista' jressaq talba bil-miktub sabiex jingħata leave mingħajr ħlas għal ċirkostanzi u bil-kundizzjonijiet imsemmija hawn taħt.

(b) Talbiet bħal dawn għandhom jitressqu lill-Management mill-inqas tliet (3) xhur qabel ma jkun hemm l-intenzjoni li jibda jagħmel użu minn dan it-tip ta' leave. F'dawn it-talbiet għandu jkun indikat it-tul tal-perjodu li wieħed ikun qiegħed japplika. Talbiet bħal dawn jesiġu l-approvazzjoni tal-Kunsill partikolari.

(c) Il-Management għandu jagħti konsiderazzjoni lill-ħtiġijiet tax-xogħol tal-Kunsill kull meta jkollu talbiet bħal dawn għall-konsiderazzjoni tiegħu.

(d) Għandu jkun hemm ftehim bil-miktub u ffirmat kemm mill-Mangement kif ukoll mill-impjegat ikkonċernat kull meta jkun hemm approvazzjoni ta' talbiet bħal dawn. F'dan il-ftehim għandu jkun hemm indikat dawk il-kundizzjonijiet li bihom tkun qiegħda tiġi approvata t-talba.

(e) Il-Management jista' jitlob għal evidenza dokumentata kull meta jkollu talbiet għal-leave speċjali mingħajr ħlas u meta jiġu ppreżentati ċertifikati mediċi, il-Kunsill jikkonsulta mat-tabib tiegħu għall-parir.

(f) Impjegat li jkun ingħata l-permess sabiex jieħu leave speċjali mingħajr ħlas, u minħabba tibdil fiċ-ċirkostanzi dan ikun irid iqassar jew itawwal il-perjodu ta' leave mingħajr ħlas, għandu jressaq talba oħra bil-miktub għal dan il-għan tal-inqas erba' ġimgħat bil-quddiem.

(g) Impjegat li jonqos li jirrapporta għax-xogħol meta jiġi fi tmiemu l-perjodu ta' leave mingħajr ħlas hekk kif approvat, jitqies li jkun abbanduna l-impieg tiegħu u jkun ikkunsidrat li rriżenja mill-impieg b'għażla tiegħu.

(h) Kull tip ta' leave mingħajr paga jista' jkun segwit minn leave ieħor mingħajr ħlas, sakemm it-total ta' tmien (8) snin ma jinqabiżx matul iż-żmien li jkun impjegat mal-Kunsill.

(i) Dan it-tip ta' leave jista' jittieħed b'mod kontinwu jew imqassam f'perjodi li fihom l-impjegat ikun jista' jidħol għax-xogħol.

(j) Leave GħalL-ĠENITURI : Kemm impjegati rġiel kif ukoll nisa jistgħu jagħmlu użu mil-leave għal ġenituri għal perjodu ta' tnax-il (12) xahar sabiex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb kemm ta' tfal tagħhom naturali jew adottivi kif ukoll meta jkollhom il-kustodja legali tat-tfal li jkunu taħt l-età ta' għaxar (10) snin.

Jekk iż-żewġ ġenituri jkunu impjegati mal-Kunsill, dan il-leave jista' jinqasam bejniethom, imma m'għandhomx jeħduh flimkien. Għandhom jindikaw l-intenzjonijiet tagħhom dwar dan hekk kif iressqu t-talba tagħhom għal dan il-leave.

Jekk jirriżulta li impjegat ikun qiegħed jabbuża minn dan il-leave, il-Management jista' jirtira l-approvazzjoni li jkun ta mingħajr ma jagħti avviż minn qabel.

Il-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-Avviż Legali 225/2003 japplikaw.

Impjegati għandhom leave tal-ġenituri fil-każ ta' twelid, adozzjoni, fostering jew kustodja legali ta' tifel jew tifla biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb dak il-wild. L-intitolament tal-leave tal-ġenituri huwa ta' xahrejn leave imħallas, bl-istess rata li jitħallas is-Sick Leave skont l-Att tas-Sigurtà Soċjali, għal kull ġenitur sakemm it-tifel jew tifla jagħlqu t-tmien (8) snin. L-impjegat għandu jipprovdi ċ-ċertifikazzjoni meħtieġa.

**Il-Leave għall-ġenituri għandu jittieħed b'dan il-mod:**

a) Jekk il-wild jew l-ulied illi għalih jew għalihom ingħata l-leave tal-ġenituri ma jkunx għadu jew għadhom, għalaq jew għalqu l-erba' (4) snin għandu jitħallas ħamsin fil-mija (50%) tal-intitolament (4 ġimgħat);

b) Jekk il-wild jew l-ulied illi għalih jew għalihom ingħata l-leave tal-ġenituri jkun jew ikunu għalaq jew għalqu l-erba' snin (4), iżda ma jkunx għadu jew għadhom, għalaq jew għalqu l-età ta' sitt (6) snin għandu jitħallas ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-intitolament (ġimagħtejn);

c) Jekk il-wild jew l-ulied illi għalih jew għalihom ingħata l-leave tal-ġenituri jkun jew ikunu għalaq jew għalqu sitt snin (6), iżda ma jkunx għadu jew għadhom , għalaq jew għalqu l-età ta' sa tmien (8) snin għandu jitħallas ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-intitolament (ġimagħtejn).

Fil-każ ta' leave tal-ġenituri illi jingħata lill-foster carers, ir-rata ta' pagament għandha tkun kif spjegat hawn fuq, iżda l-pagament jingħata għal kull ġenitur illi japplika għal-leave tal-ġenituri u mhux għal kull wild li jiġi fostered.

Il-Management huwa obbligat iżomm rekord tal-leave tal-ġenituri mogħti lil kull impjegat. Impjegat jista' jagħmel talba bil-miktub sabiex jingħata rendikont ta' din l-informazzjoni. It-talba tista' ssir ukoll wara t-terminazzjoni tal-impjieg. Il-management għandu jgħaddi dikjarazzjoni bil-miktub tal-leave fi żmien ġimagħtejn (2) mit-talba.

Leave għal persuni li jindukraw: L-impjegati kollha huma intitolati għal-leave tal- persuni li jindukraw bla ħlas ta' erbat ijiem (4) tax-xogħol fis-sena, u ġurnata (1) bi ħlas fis-sena, sabiex jipprovdu indukrar jew appoġġ personali għal raġuni medika serja f' dawn il-każijiet:

- lil qarib
- persuna li tgħix fl-istess dar mal-impjegat

Prova medika għandha tiġi preżentata illi l-qarib jew persuna illi tgħix fl-istess dar mal-impjegat, illi minħabba fih jew fiha intalab leave tal-persuni li jindukraw, qiegħed jew qiegħda tbati minn marda u teħtieġ kura u appoġġ.

(k) Leave Għal Adozzjoni : Tingħata konsiderazzjoni speċjali lil dawk il-każi fejn ikun hemm adozzjonijiet minn barra minn Malta, li jkunu jeħtieġu proċeduri twal, sabiex jingħata leave speċjali mingħajr ħlas għal perijodi addizzjonali li fit-total tagħhom ma jkunux jeċċedu it-tliet (3) xhur.

Jekk iż-żewġ ġenituri jkunu impjegati mal-Kunsill, dan il-leave jista' jinqasam bejniethom, imma m'għandhomx jeħduh flimkien. Għandhom jindikaw l-intenzjonijiet tagħhom dwar dan hekk kif iressqu t-talba tagħhom għal dan il-leave.
(l) Leave Għal Ġenituri foster: Impjegati jistgħu jieħdu sa tnax-il (12) xahar leave speċjali mingħajr paga sabiex jieħdu ħsieb tifel fostered.



Jekk jiġri li impjegat jerġa' jiġi afdat lilu tifel/tifla fostered ieħor sabiex j/tieħu ħsiebu/ha, ikun jista' jingħata aktar leave mingħajr ħlas li ma jaqbiżx it-tnax-il (12) xahar f'perjodu t'erba' (4) snin.

Meta impjegat ikun afdat bil-ħarsien t'aktar minn tifel fostered wieħed fl-istess żmien, dan jitqies bħala inkarigu wieħed.

Jekk iż-żewġ ġenituri jkunu impjegati mal-Kunsill, dan il-leave jista' jinqasam bejniethom, imma m'għandhomx jeħduh flimkien. Għandhom jindikaw l-intenzjonijiet tagħhom dwar dan hekk kif iressqu t-talba tagħhom għal dan il-leave.

L-impjegat ikollu l-leave tiegħu mingħajr paga mwaqqaf jekk ir-raġuni li għaliha jkun ingħata jispiċċa u għandu jirritorna għax-xogħol kif ikun indikat lilu mill-Management.

(m) Career Break : Ġenituri jistgħu jingħataw total ta' ħames (5) snin leave mingħajr paga sabiex jieħdu ħsieb uliedhom naturali/adottivi/tfal fostered sakemm dawn jilħqu l-età ta' għaxar (10) snin. Dawn il-ħames (5) snin għandhom jittieħdu f'daqqa, iżda jistgħu jittieħdu b'ammonti ta' tliet (3) xhur. Jekk il-ħames (5) snin ma jintużawx kollha f'daqqa, il-bilanċ li ma jkunx sar użu minnu jista' jittieħed sabiex jittieħed ħsieb ulied oħra.

Għal darba biss l-ġenituri jkunu jistgħu jaqsmu bejniethom dawn il-ħames snin leave mingħajr paga, imma mhux fl-istess żmien.

(n) Leave Speċjali Sabiex Impjegati Jakkompanjaw Lil Marthom/Żwieġhom jew sieħeb/sieħba barra minn Malta





Impjegati jistgħu jingħataw sena (1) leave mingħajr paga – li jistgħu jitolbu tiġdid tagħha b'applikazzjoni bil-miktub sa massimu t'erba' (4) snin, sabiex jakkompanjaw lil marthom/żwieġhom barra minn Malta fuq xi kors imħallas mill-Gvern jew fuq xogħol tal-Gvern. Dawn l-erba' (4) snin jistgħu jew jittieħdu f'daqqa jew f'perjodi meta l-impjegati allura jkunu jistgħu jidħlu lura għax-xogħol fil-frattemp.

(o) Leave ta' Responsabbiltà : Impjegat jista' jingħata tnax-il (12) xahar leave ta' responsabbiltà mingħajr paga – liema leave ikun jista' jiġġedded – sabiex jieħu ħsieb ġenituri anzjani li jkunu jiddependu minnu, ulied, mart/żewġ, jew sieħeb/sieħba f'Unjoni Ċivili l-impjegat minħabba raġunijiet mediċi, umanitarji u familjari serji. Fil-każ ta' ġenitur jew mart/żewġ l-impjegat/a ma jrid ikollu l-ħadd adult responsabbli li jkun jgħix miegħu matul il-ġurnata. Il-ġenitur anzjan, wild jew mart/żewġ l-impjegat/a għandu jkun iċċertifikat minn speċjalista tal-mediċina li jkun jeħtieġ min jieħu ħsiebu. Jekk iż-żewġ ġenituri jkunu ħajjin, it-tnejn li huma jridu jkunu ċertifikati li jkollhom ħtieġa ta' min jieħu ħsiebhom.

Jekk il-ġenituri (aħwa) jkunu impjegati mal-Kunsill, jistgħu jaqsmu dan il-leave bejniethom, imma mhux fl-istess żmien.

(p) Tliet Xhur Leave Mingħajr Paga: Impjegat jista' jingħata sa tliet xhur leave mingħajr paga f'perjodu ta' tnax-il xahar għal raġunijiet speċjali. Dan il-leave jista' jingħata wkoll sabiex impjegat ikun jista' jfittex xogħol alternattiv. L-impjegat għandu jieħu l-vacation leave (fuq bażi ta' pro-rata) qabel ma jagħmel użu minn din il-konċessjoni. Għandu jkun hemm arranġament xieraq mal-Management minn qabel.

It-Talbiet elenkati, f'din it-taqsima jesiġu l-approvazzjoni tal-Kunsill partikolari.

## 23 LEAVE GĦAL MARD

Il-Ħaddiema Klerikali jkunu intitolati għal 30 ġurnata leave għal mard b'paga sħiħa u 30 ġurnata oħra b'nofs paga kull sena.

F'każijiet eċċezzjonali ta' rikoverazzjoni fi sptar, (hospitalisation), konvalexxenza minn operazzjoni kirurġika, jew mard terminali, li fit-tliet każi hu meħtieġ ċertifikat mediku minn speċjalista, l-intitolament għal leave għal mard kif imsemmi hawn fuq jiżdied għal perjodu itwal, sakemm din iż-żieda ma teċċedix il-leave għal mard li ma jkunx sar użu minnu fis-sentejn preċedenti.

**Leave għall-mard terminali jew serju**

F'każ ta' mard terminali jew serju, jew intervent li jkun jinħtieġ perjodu ta' rkupru li jkun iċċertifikat mit-tabib tal-Kunsill Lokali, l-impjegat ikun jista' jagħmel użu minn dak il-leave tal-mard li ma jkunx għamel użu minnu fit-tliet snin immedjtament qabel ma jkun ġara l-każ tal-mard.

Kull każ irid ikun iċċertifikat mit-tobba tal-Kunsill Lokali u l-Kunsill Lokali għandu d-dritt li jirrifjuta dan il-benefiċċju f'każ illi l-impjegat ma jkunx għamel użu tajjeb mil-leave tal-mard qabel.

Din il-konċessjoni ma tgħoddx f'dawk il-każi fejn impjegat ikun kostrett li ma jattendix għax-xogħol b'riżultat ta' xi inċident li jkun ġarrab barra mill-post tax-xogħol u mhux konness mad-dmirijiet tiegħu mal-Kunsill Lokali.



## 24 KORRIMENT FUQ IX-XOGĦOL

F'każ ta' korriment fuq ix-xogħol, sakemm dan ma jkunx bi traskuraġni tal-individwu, l-impjegat ikun intitolat għall-paga sħiħa (li jitnaqqsu minnha l-benefiċċji ta' korriment li jaqgħu taħt l-Att tas-Sigurtà Soċjali) għall-perjodu kollu li jkun rikoverat l-isptar, jew li jkun konvalexxenti, jew li jkun temporanjament impedut milli jeżerċità x-xogħol tiegħu.

Dan il-benefiċċju jiskadi wara sena, liema sena tibda tgħodd mill-għada tal-inċident li jkun ta lok għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

## 25 SKEMA TA' SAĦĦA (HEALTH INSURANCE)

Il-Ħaddiema Klerikali kollha jkunu intitolati għal skema ta' saħħa bażika (Health Insurance) abbażi tal-kundizzjonijiet/benefiċċji mfassla mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. L-impjegati għandhom ikollhom kopja ta' din l-iskema ta' saħħa bażika.




## 26 QUALIFICATION ALLOWANCE

Għandha titħallas Qualification Allowance sakemm tali kwalifika hija relatata max-xogħol li wieħed għandu u ma ntużatx sabiex wieħed jidħol fil-grad li għandu jkun intitolat għal qualification allowance hekk kif applikabbli għas-Servizz Pubbliku.

Il-provvedimenti applikabbli għas-Servizz Pubbliku japplikaw ukoll għal impjegati tal-Kunsill, hekk kif fis-seħħ minn żmien għal żmien.

Impjegat ikun intitolat għal qualfication allowance waħda, anke jekk qed jaqdi dmirijietu f'aktar minn kunsill lokali wieħed.

Impjegati fuq reduced hours jieħdu l-qualification allowance b'mod sħiħ u mhux b'pro-rata.



## 27 LEĠIŻLAZZJONI

Il-benefiċċji mogħtija permezz ta' dan il-Ftehim ma jkunux addizzjonali ma' benefiċċji simili stipulati skont il-liġi preżenti jew introdotti b'leġiżlazzjoni ġdida fil-perjodu li jkun fis-seħħ dan il-Ftehim. Il-ħaddiema madanakollu jkunu intitolati għal dawk il-benefiċċji li jkunu l-aktar vantaġġjużi għalihom.

## 28 WAQFIEN TA' XOGĦOL

Iż-żewġ partijiet jaqblu li ż-żamma ta' relazzjonijiet tajba u l-paċi industrijali huma tal-akbar ħtieġa għall-progress u l-ġid komuni ta' l-Assoċjazzjoni, il-Kunsill Lokali u ta' l-istess impjegati. Huma għalhekk jaqblu li għandhom dejjem jippruvaw li jsibu soluzzjoni ġusta u aċċettabbli permezz ta' rieda tajba u diskussjonijiet ġenwini. F'każ li jkunu se jittieħdu xi azzjonijiet minħabba xi tilwima industrijali, għandu jingħata pre-avviż bil-miktub ta' mhux inqas minn erba' u għoxrin (24) siegħa.

## 29 BAŻI LEGALI

Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ meta, il-Ministru, bis-saħħa tas-setgħa mogħtija lilu bis-subartiklu (2) tal-Artikolu 53 u bl-Artikolu 72 tal-Att tal-1993 dwar Kunsilli Lokali, jagħmel regolamenti abbażi ta' dan il-ftehim.

## 30 DEPUTISING ALLOWANCE

Impjegati koperti b'dan il-Ftehim Kollettiv li jiġu mqabbda uffiċjalment mill-Kunsill Lokali fil-kariga ta' "Deputat Segretarju Eżekuttiv" tal-istess Kunsill Lokali li fih jaħdmu / jew f'Kunsill Lokali ieħor u li jassumu r-responsabbiltà tas-Segretarju Eżekuttiv għandhom jitħallsu id-differenza fis-salarju bażiku pro-rata bejn il-grad tiegħu u dak tas-Segretarju Eżekuttiv għal kull ġurnata jew ħin li huma mqabbda uffiċjalment mil-Kunsill Lokali. Dan għandu jkun meqjus bħala l-pagament għad-deputising u l-ħlas għandu jsir bħala forma t'allowance.

## 31 DIXXIPLINA

Il-policy tad-dixxiplina għandha tiġi konkluża fi żmien sena mid-data tal-iffirmar ta dan il-ftehim bi qbil mal-partijiet.

## APPENDIĊI A

## GRADING & SALARY STRUCTURE

| Nomenclature | Salary Scales* |
|---|---|
| Administration Officer II | 10 / 9 |
| Administration Officer I | 12 / 11 |
| Clerical Officer | 15 / 14 / 13 |
| Office Assistant | 16 |

*Salary Scales refer to Public Service Salary Scales as may be determined in the Public Service Collective Agreement as in force from time to time.
Yearly increments are paid as per PSMC regulations as in force from time to time.
New recruits shall be employed on Step 1 of the respective Salary Scale.

**Office Assistant (Salary Scale 16)**
Entry into the grade of Office Assistant (Salary Scale 16) shall be open to candidates who are in possession of a school leaving certificate equivalent to MQF Level 3 or higher and a pass (at least at Grade 1 - 5), Grade C or a comparable level at MQF Level 3 or higher in an additional two (2) subjects. Successful candidates shall be obliged to carry out the necessary induction training programme which also includes IT Office Application Skills upon recruitment.
Office Assistant (Salary Scale 16) who successfully complete the appropriate compulsory training organised by the Association which must include proficiency in Maltese and English and following the successful completion of five (5) years satisfactory service carrying out proven clerical duties shall be eligible to sit for a colloquium interview through an internal Expression of Interest issued by Management from time to time for the grade of Clerical Officer (Salary Scale 15 / 14 / 13). Employees who fail the colloquium are eligible to resit for the colloquium interviews in six (6) months time for a one (1) time only.
The Management also reserves the right to issue external calls for applications open to Clerical Officers (Salary Scale 15 / 14 / 13) open to candidates who are in possession of a pass (at least at Grade 1 - 5), Grade C or a comparable level at MQF Level 3 or higher in five (5) subjects and a certificate in IT Office Application Office Skills. Successful candidates shall be obliged to carry out the necessary induction training programme and of they are not in possession of a comparable level at MQF Level 3 or higher in Maltese and English they are obliged to undergo the respective necessary training as organised internally by the Association/ LGD and in force from time to time.

**Clerical Officer (Salary Scale 15 / 14 /13)**
Clerical Officers (Salary Scale 15) shall progress to Salary Scale 14 after four (4) years of satisfactory service in Salary Scale 14 and they shall continue to progress to Salary Scale 13 after an additional four (4) years satisfactory service in Salary Scale 13. Successful candidates shall be obliged to carry out the necessary induction training programme as determined by the Association/ LGD from time to time.
Clerical Officers in Salary Scale 13 who successfully complete the pre-established training as determined by the Association for the grade of Administration Officer I (Salary Scale 12 / 11) shall be eligible to sit for a colloquium interview through an internal Expression of Interest for the grade of Administration Officer I (Salary Scale 12 / 11) issued by Management from time to time. Employees who fail the colloquium are eligible to resit for the colloquium interviews in six (6) months time for a one (1) time only.
Administration Officer (Salary Scale 12 / 11)
The Management also reserves the right to issue external calls for application for the grade of Administration Officer I (Salary Scale 12 / 11) open to candidates who are in possession of of a relevant full qualification at MQF Level 4 in relevant areas as may be determined by Management from time to time. Successful candidates shall be obliged to carry out the necessary induction training programme as determined by the Association/LGD from time to time.
Administration Officer I (Salary Scale 12) shall progress to Salary Scale 11 after four (4) years of satisfactory service in Salary Scale 12.

**Administration Officer I (Salary Scale 10 / 9)**
Entry into the grade of Administration Officer shall be open to candidates in possession of:

a) a relevant full qualification at MQF Level 6 in relevant areas as may be determined by Management from time to time;
or
b) Administration Officer II in Salary Scale 11 who has completed the pre-established training organised by the Association to become eligible to apply for this grade.

Successful candidates shall be obliged to carry out the necessary induction training programme as determined by the Association from time to time.
Administration Officer II (Salary Scale 10) shall progress to Salary Scale 9 after two (2) years of satisfactory service in Salary Scale 10.

**Assimilation of Existing Employees**

Assimilation will apply on condition that a period of 2 years has elapsed since their employment with a Local Council. Officers not having completed such period will be assimilated once this period has elapsed.
a) Serving Officers in grade of Assistant Clerk shall be assimilated as Officer Assistant in Salary Scale 16 taking into cognisance their years of satisfactory service as Assistant Clerk and they shall be placed on the appropriate salary scale and step on a notional basis. Officers shall continue to progress further in line with the above grading structure.
b) Serving Officers in grade of Clerk shall be assimilated as Clerical Officer (Salary Scale 15 / 14 / 13) taking into cognisance their years of satisfactory service as Clerk and they shall be placed on the appropriate salary scale and step on a notional basis. Officers shall continue to progress further in line with the above grading structure.
c) Serving Officers in grade of Executive Officer shall be assimilated as Administration Officer I (Salary Scale 12 / 11) taking into cognisance their years of satisfactory service as Executive Officer and they shall be placed on the appropriate salary scale and step on a notional basis. Officers shall continue to progress further in line with the above grading structure.
d) Serving Officers in the grade of Assisant Principal shall be assimilated as Administration Officer II (Salary Scale 10 / 9) taking into cognisance their years of satisfactory service as Assistant Principal and they shall be placed on the appropriate salary scale and step on a notional basis. Officers shall continue to progress further in line with the above grading structure.

**The effective date of the above assimilations shall be as from 1st January 2024.**

## SIDE-LETTER FOR EMPLOYEES IN THE GRADE OF REGISTRAR AND DEPUTY REGISTRARGRADING & SALARY STRUCTURE

| Nomenclature | Salary Scales* |
|---|---|
| Registrar | 10 / 9 |
| Deputy Registrar | 12 / 11 |
| Clerical Officer | 15 / 14 / 13 |

*Salary Scales refer to Public Service Salary Scales as may be determined in the Public Service Collective Agreement as in force from time to time.
The Management also reserves the right to issue external calls for applications open to Clerical Officers (Salary Scale 15 / 14 / 13) open to candidates who are in possession of a pass (at least at Grade 1 – 5), Grade C or a comparable level at MQF Level 3 or higher in five (5) subjects and a certificate in IT Office Application Office Skills. Successful candidates shall be obliged to carry out the necessary induction training programme and of they are not in possession of a comparable level at MQF Level 3 or higher in Maltese and English they are obliged to undergo the respective necessary training as organised internally by the Association/ LGD and in force from time to time.

**Clerical Officer (Salary Scale 15 / 14 /13)**
Clerical Officers (Salary Scale 15) shall progress to Salary Scale 14 after four (4) years of satisfactory service in Salary Scale 14 and they shall continue to progress to Salary Scale 13 after an additional four (4) years satisfactory service in Salary Scale 13. Successful candidates shall be obliged to carry out the necessary induction training programme as determined by the Association/ LGD from time to time.

**Deputy Registrar (Salary Scale 12/11)**
The Management also reserves the right to issue external calls for application for the grade of Deputy Registrar (Salary Scale 12 / 11) open to candidates who are in possession of of a relevant full qualification in relevant areas as may be determined by Management from time to time. Successful candidates shall be obliged to carry out the necessary training programme as determined by the Association/LGD from time to time.
Deputy Registrar (Salary Scale 12) shall progress to Salary Scale 11 after four (4) years of satisfactory service in Salary Scale 12.
Registrar (Salary Scale 10 / 9)
The Management also reserves the right to issue external calls for application for the grade of Registrar (Salary Scale 10 / 9) open to candidates who are in possession of of a relevant full qualification in relevant areas as may be determined by Management from time to time. Successful candidates shall be obliged to carry out the necessary induction training programme as determined by the Association/LGD from time to time.
Registrar (Salary Scale 10) shall progress to Salary Scale 9 after two (2) years of satisfactory service in Salary Scale 10.

**Assimilation of Existing Employees**
Assimilation will apply on condition that a period of 2 years has elapsed since their employment with a Tribunal. Officers not having completed such period will be assimilated once this period has elapsed.
a) Serving Officers in grade of Clerk shall be assimilated as Clerical Officer (Salary Scale 15 / 14 / 13) taking into cognisance their years of satisfactory service as Clerk and they shall be placed on the appropriate salary scale and step on a notional basis. Officers shall continue to progress further in line with the above grading structure.
b) Serving Officers in grade of Deputy Registrar shall be assimilated as Deputry Registrar (Salary Scale 12 / 11) taking into cognisance their years of satisfactory service as Deputy Registrar and they shall be placed on the appropriate salary scale and step on a notional basis. Officers shall continue to progress further in line with the above grading structure.
c) Serving Officers in the grade of Registrar shall be assimilated as Registrar (Salary Scale 10 / 9) taking into cognisance their years of satisfactory service as Assistant Principal and they shall be placed on the appropriate salary scale and step on a notional basis. Officers shall continue to progress further in line with the above grading structure.
The effective date of the above assimilations shall be as from 1st January 2024





**Exchange of Correspondence**

Il-partijiet jirikonoxxu x-xogħol li impjegati qegħdin jagħmlu fit-Tribunali bħala "Agent Reġistratu" u għaldaqstant dawk l-impjegati li qegħdin jaqdu tali funzjoni fid-data tal-iffirmar ta' dan id-dokument se jingħataw l-opportunita' li għal darba biss jkunu jistgħu japplikaw għal sejħa ta' "Registratur" sakemm l-impjegat ikun ilu jagħmel ix-xogħol ta' Deputat Reġistratur għal sentejn.
Impjegati li japplikaw għal din is-sejħa ta' applikazzjoni għandhom iġibu dikjarazzjoni mingħand il-Kummissarju/i tat-Tribunal rispettiv li qegħdin jaqdu dawn id-dmirijiet b'mod sodisfaċenti.
L-impjegati jkunu obbligati li jagħmlu taħriġ neċessarju hekk kif stabbilit mill-Management u mill-Assoċjazzjoni għal Kunsilli Lokali minn żmien għal żmien.



**Nota 1. Performance Bonus**
L-impjegati għandhom id-dritt għal performance bonus ta' sa 10% tas-salarju bażiku tagħhom b'effett minn l-1 ta' Jannar 2024.

**Nota 2. Assimilazzjoni tal-Impjegati Eżistenti**
L-assimilazzjoni se tapplika biss jekk ikunu għaddew 2 snin minn meta l-uffiċjal ġie impjegat ma' Kunsill Lokali. Dawk li għadhom ma laħqux dan il-perjodu se jiġu assimilati ladarba jgħaddi dan iż-żmien.

L-Uffiċjali li qegħdin fis-servizz jiġu mqiegħda fuq l-iskala u l-step tas-salarju fuq NOTIONAL BASIS **. Id-data effettiva għall-arretrati tkun mill-1 ta' Jannar 2024.

1. L-Assistent Clerk se jkun assimilati bħala Officer Assistant fuq Skala tas-Salarju 16, skont is-snin ta' servizz sodisfaċenti tiegħu. L-uffiċjali se jkomplu javvanzaw skont din l-istruttura ġdida.

2. Il-Clerk se jkun assimilati bħala Clerical Officer (Skala tas-Salarju 15 / 14 / 13), skont is-snin ta' servizz sodisfaċenti tiegħu. L-uffiċjali se jkomplu javvanzaw skont din l-istruttura ġdida.

3. L-Executive Officer se jkun assimilati bħala Administration Officer I (Skala tas-Salarju 12 / 11), skont is-snin ta' servizz sodisfaċenti tiegħu. L-uffiċjali se jkomplu javvanzaw skont din l-istruttura ġdida.

4. L-Assistant Principal se jkun assimilati bħala Administration Officer II (Skala tas-Salarju 10 / 9), skont is-snin ta' servizz sodisfaċenti tiegħu. L-uffiċjali se jkomplu javvanzaw skont din l-istruttura ġdida.

** X'ifisser NOTIONAL BASIS?

"On a notional basis" ifisser li l-kundizzjonijiet il-ġodda fil-ftehim kollettiv għandhom jiġu kkunsidrati bħala li japplikaw, sa mill-ewwel jum ta' impjieg tal-impjegat. Meta l-impjegati jiġu assimilati fl-iskala l-ġdida tas-salarju, is-salarju tagħhom jiġi kkalkulat, abbażi tas-snin ta' servizz. Dan jiżgura li l-impjegati jkunu mqiegħda fis-skala u l-step korretti tul is-snin kollha ta' l-impjieg. Id-differenza bejn is-salarju il-gdid u dak li wiehed diga' thallas ser jithalla mill-1 ta' Jannar 2024 'il quddiem

**Nota 3. Kuntratt ta' Xogħol**
L-impjegati li kellhom kuntratti għal żmien fiss se jkollhom il-kuntratt tagħhom mibdul f'kuntratt indefinit.

**Nota 4. Impjegati Part-Time**
L-impjegati part-time se jirċievu l-benefiċċji kollha ta' dan il-ftehim pro-rata, ħlief għall-allowance tal-kwalifika, li se titħallas sħiħa.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali

uhm

VOICE OF THE WORKERS